**16 ta' Marzu, 1993**

**Imħallfin: –**

**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D. – Aġent President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Anton Depasquale B.A., LL.D.**

Emanuel Gatt *et*

*versus*

Francis Grima et

## Eċċezzjoni Ulterjuri ta' Preskrizzjoni – Nuqqas ta' Deċiżjoni Dwarha – Appell *"Ab Omissa Decisione"*

*Minn eżami ta' l-eċċezzjoni ulterjuri ta' preskrizzjoni jidher ċar li din kellha tiġi deċiża qabel l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-konvenuti u dan billi jekk din tiġi milqugħa, il-Qorti ma kienx ikollha għalfejn tidħol biex teżamina l-eċċezzjonijiet l-oħra li jirrigwardaw il-mertu. Fil-fatt l-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha injorat din l-eċċezzjoni kompletament daqs li kieku qatt ma ngħatat. B'hekk ġie li issa hemm sentenza deċiżiva fuq il-mertu waqt li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni baqgħet fl-arja.*

*Fir-risposta tagħhom għall-appell tal-konvenuti l-atturi qegħdin jissottomettu li dan semmai jikkostitwixxi "ab omissa decisione" u minn dan ma hemmx appell u minħabba dak li hemm provvist fl-artikolu 235 tal-Kap. 12.*

*Minn eżami ta' dan l-artikolu jidher ċar li l-istess mhux qiegħed intiż biex jinkludi l-kwistjoni preżenti. F'dan il-każ it-talbiet kollha ta' l-atturi ġew ikkunsidrati u deċiżi u fil-fatt milqugħa mill-ewwel*

*Qorti. L-artikolu fuq imsemmi jidher li qiegħed jirreferi għall-każ fejn xi waħda mit-talbiet fiċ-ċitazzjoni ma tkunx fil-fatt ġiet deċiża mill-ewwel Qorti.*

*L-aġir ta' l-ewwel Qorti jammonta għal nuqqas da parti tagħha li tikkunsidra d-difiża tal-konvenuti, difiża li kieku ġiet milqugħa kienet iġġib magħha bħala konsegwenza ċaħda tat-talbiet attriċi. Dan l-aġir ta' l-ewwel Qorti jmur kontra l-prinċipju tal-liġi naturali "audi alteram partem" u għalhekk jimporta nullità tas-sentenza appellata.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-atturi li biha wara li ppremettew:

Illi l-atturi rrendew serviġi, assistenzi u prestazzjonijiet oħra għal ħafna snin lill-mejta Maria Grima, li tagħha l-konvenuti huma l-eredi; peress li ftit qabel ma mietet din Maria Grima kienet obbligat ruħha li tħallas lill-atturi bħala kumpens ta' dawn is-serviġi s-somma ta' ħames mitt lira Maltija (Lm500); peress li ma kellhiex flus f'idejha *stante* li d-depożiti tagħha kienu marbutin, kienet sejra tiktbilhom din is-somma f'att nutarili, iżda ma laħqetx għamlet dan għaliex mietet; peress li l-konvenuti ġew inutilment interpellati jħallsu lill-atturi din is-somma hekk dovuta mingħajr ma taw ebda raġuni; peress li kif jidher mill-annessa dikjarazzjoni u mill-provi tal-kawża t-talba attriċi hija fondata; prevja kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u mogħti kull provvediment opportun (1) jgħidu l-konvenuti għaliex għar-raġunijiet premessi m'għandhomx jiġu kkundannati jħallsu lill-atturi s-somma ta' ħames mitt lira Maltija (Lm500) fuq riferita bl-interessi ta' 8% fis-sena mid-data tan-notifika ta' l-ittra uffiċjali tat-30 ta' Mejju, 1988 sal-pagament effettiv;

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra legali u ta' l-ittra

uffiċjali tat-30 ta' Mejju, 1988 kontra l-konvenuti li jibqgħu inġunti għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li biha eċċipew:

Illi l-atturi ġew imħallsa mid-deċujus għas-serviġi li setgħu pprestawlha; illi fi kwalunkwe każ it-talba ta' l-atturi għandha tiġi miċħuda peress illi tali obbligazzjoni ma torbotx lill-eredi jekk mhux b'testment; illi inoltre t-talba hija irritwali *stante* li ma saret ebda talba għal-likwidazzjoni tas-serviġi;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti Ċivili, Prim'Awla fl-ismijiet premessi fis-17 ta' Mejju, 1990, li biha ddeċidiet il-kawża billi aċċettat il-kawżali fiċ-ċitazzjoni u kkundannat lil Francis Grima u lil Carmen Balzan li jħallsu lill-atturi Lm250 kull wieħed, Lm500 kollox bejn it-tnejn bl-interessi ta' 8% mid-data li tirriżulta li fiha ġew innotifikati b'att ġudizzjarju u bl-ispejjeż – nofs kull wieħed mill-konvenuti u dan wara li rat u kkunsidrat dak li ġej:

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuti ppreżentata fl-24 ta' Mejju, 1990;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell tal-konvenuti Francis Grima u Carmen Balzan ippreżentata fit-12 ta' Ġunju, 1990, li biha talbu lil din il-Qorti li jogħġobha tirrevoka u tannulla s-sentenza mogħtija fis-17 ta' Mejju, 1990, mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili a bażi ta' l-ewwel aggravju u dan *stante* li dik il-

Qorti naqset milli tikkunsidra l-eċċezzjoni ulterjuri minnu ppreżentata jew alternattivament li tirrevoka s-sentenza msemmija u tiċħad it-talba ta' l-atturi u tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti appellanti bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess atturi appellati;

Rat ir-risposta ta' l-atturi appellati;

Rat l-atti rilevanti u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenuti appellanti ressqu s-segwenti lmenti dwar is-sentenza appellata:

1. Li l-ewwel Qorti naqset li tiddeċidi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni minnhom issollevata fil-mori tal-kawża;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

Illi fil-11 ta' Ottubru, 1988, il-konvenuti ppreżentaw nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri li biha eċċipew il-preskrizzjoni mingħajr però ma ndikaw fl-istess nota, taħt liema artikolu fil-liġi kienu qegħdin jibbażaw l-istess eċċezzjoni. Jidher li kienu baqgħu jinstemgħu l-provi u l-Qorti kienet anki waslet biex tgħaddi għas-sentenza. In fatti fil-verbal ta' l-20 ta' Marzu, 1990, ġie ddikjarat li l-Qorti ma setgħetx tgħaddi biex tippronunzja sentenza billi l-konvenuti ma kinux ippreċiżaw xi preskrizzjoni

kienu qegħdin jissollevaw u għalhekk tathom tlett ijiem żmien biex jindikaw b'nota liema waħda kienu qegħdin jinvokaw. Fl-aħħar, il-konvenuti aderew ma' l-ordni tal-Qorti u ppreżentaw nota fejn indikaw li l-preskrizzjoni invokata minnhom fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri kienet dik ikkontemplata fl-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili. Wara dan fl-4 ta' Mejju, 1990, l-ewwel Qorti ħalliet il-kawża għas-sentenza għall-10 ta' Mejju, 1990. Il-kawża ġiet finalment deċiża fl-10 ta' Mejju, 1990;

Issa minn eżami ta' l-eċċezzjoni ulterjuri jidher ċar li din kellha tiġi deċiża qabel l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-konvenuti u dan billi jekk din tiġi milqugħa, il-Qorti ma kienx ikollha għalfejn tidħol biex teżamina l-eċċezzjonijiet l-oħra li jirrigwardaw il-mertu. Fil-fatt però kif ġie sottomess mill-konvenuti appellanti, l-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha injorat din l-eċċezzjoni kompletament daqs li kieku qatt ma ngħatat. B'hekk ġie li issa hemm sentenza deċiżiva fuq il-mertu waqt li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni baqgħet fl-arja;

Fir-risposta tagħhom għall-appell tal-konvenuti, l-atturi qegħdin jissottomettu li jekk dan hu l-każ kif qed isostnu l-appellanti, dan *semmai* jikkostitwixxi *"ab omissa decisione"* u minn dan m'hemmx appell minħabba dak li hemm provvist fl-artikolu 235 tal-Kap. 12 li jistabbilixxi xi proċedura kellhom jużaw però l-appell huwa eskluż;

L-artikolu 235 jgħid li meta l-Qorti ta' l-ewwel grad tħalli barra fid-deċiżjoni waħda mit-talbiet proposti, ma jingħatax appell *"ab omissa decisione"*. Aktar 'l isfel però, l-istess artikolu jgħid lil però kull waħda mill-partijiet tista', fi żmien ta' għaxart ijiem minn dak in-nhar tas-sentenza, bil-mezz ta' rikors titlob lill-Qorti ta' l-ewwel grad li taqta' dik it-talba. Fuq dan ir-rikors,

wara li l-partijiet jiġu mħarrkin mill-ġdid, il-Qorti tiddeċidi fuq dik it-talba. Barra minn hekk ukoll kull waħda mill-partijiet tista' f'kull żmien li jkun, titlob quddiem il-Qorti ta' l-ewwel grad, bil-mezz taċ-ċitazzjoni d-deċiżjoni tat-talba li ma tkunx ġiet deċiża. Issa minn eżami ta' dan l-artikolu jidher ċar li l-istess mhux qiegħed intiż jinkludi l-kwistjoni preżenti. F'dan il-każ it-talbiet kollha ta' l-atturi ġew ikkunsidrati u deċiżi u fil-fatt milugħa mill-ewwel Qorti. L-artikolu fuq imsemmi jidher li qiegħed jirreferi għall-każ fejn xi waħda mit-talbiet fiċ-ċitazzjoni ma tkunx fil-fatt ġiet deċiża mill-ewwel Qorti;

Issa fil-każ preżenti nonostanti l-fatt li l-konvenuti eċċipew ulterjorment il-preskrizzjoni u l-fatt li anki ġie ordnat lilhom mill-ewwel Qorti biex jispeċifikaw taħt liema artikolu huma kienu qegħdin jinvokawha, l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata injorat għal kollox din l-eċċezzjoni daqs li kieku ma kinitx ingħatat. Dan l-aġir ta' l-ewwel Qorti jammonta għal nuqqas da parti tagħha li tkkunsidra d-difiża tal-konvenuti f'dan ir-rigward, difiża li kieku ġiet milqugħa kienet iġġib magħha bħala konsegwenza ċaħda tat-talbiet attriċi. Dan l-aġir ta' l-ewwel Qorti jmur kontra l-prinċipju tal-liġi naturali "*audi alteram partem*" u għalhekk jimporta nullità tas-sentenza appellata. Jidher għalhekk li hu xieraq li din il-kawża għandha tintbagħat lura lill-ewwel Qorti biex din tieħu konjizzjoni ta' l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuti u kontinwazzjoni;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċidi billi prevja li tilqa' l-ewwel aggravju tal-konvenuti appellanti, tiddikjara s-sentenza appellata mogħtija mill-Onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla fis-17 ta' Mejju, 1990, nulla u konsegwentement bla ebda effett fil-liġi u tordna li l-atti ta' din il-kawża jiġu mibgħuta lill-ewwel Onorabbli Qorti tramite r-

Reġistratur ta' dawn il-Qrati u dan biex qabel xejn din tikkunsidra l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuti u għall-kontinwazzjoni u eventwali deċiżjoni skond il-liġi;

Fiċ-ċirkostanzi bħal ma s-soltu jiġi deċiż f'każijiet simili, l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jiġu ssopportati mill-partijiet nofs kull wieħed.